MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 452/2004/1

**Emmanuel Ellul u Carmen Ellul**

**v.**

**Charles Mizzi u Angela Mizzi**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghti fl-1 ta' Novembru 2004.

Quddiem dik il-Qorti l-atturi talbu bazikament li l-konvenuti jigu dikjarati moruzi fil-hlas ta' tlett skadenzi ta' kera tal-

hanut “Prominent Bar and Restaurant”, li jigi ordnat ix-xoljiment tal-lokazzjoni ta’ dan il-hanut bil-konsegwenti zgombru minnu, u li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-arretrati ta’ kera hekk dovuta. Il-bazi tal-lokazzjoni hija skrittura datata 25 ta’ April, 2001. Il-konvenuti eccepew hekk:

**“1. Illi l-atturi, kieku kien validu l-kuntratt, kienu huma stess inadempjenti fl-obbligi taghhom u ghalhekk l-esponenti ma jistghux jitqiesu li kienu moruzi fil-hlas.**

**“2. Illi f’dan il-kaz ghandu jigi annullat l-istess kuntratt minhabba l-inadempjenza da parti ta’ l-atturi, u dikjarat ukoll null minhabba l-qerq (truffa) pratikat mill-istess atturi.”**

Ma saret ebda kontro-talba. Fl-ewwel udjenza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, wara li gie registrat li l-partijiet kienu qed jaqblu li, minghajr pregudizzju ghall-meritu tac-citazzjoni u ghan-nota tal-eccezzjonijiet, il-konvenut jirritorna c-cavetta fis-27 ta’ Novembru, 2004, il-verbal ikompli hekk:

**“Il-Qorti taghti lil Dr Brincat sal-31 ta’ Dicembru 2004 biex dwar l-eccezzjonijiet li hemm imsemmija tigi intavolata citazzjoni.”**

Huwa minn dan id-digriet li qed isir l-appell odjern. Quddiem l-ewwel Qorti, id-difensur tal-konvenuti, Dott. Joseph Brincat, baqa jsostni li galadarba l-atturi qed jibbazaw kollox fuq kuntratt li huma jirritjenu li kien validu, il-konvenuti kienu intitolati li fl-istess azzjoni jikkampaw l-eccezzjonijiet minnhom moghtija u talab li jaghmel nota fuq dan il-punt qabel ma jigi deciz li trid issir kawza separata. L-ewwel Qorti, anke peress li d-difensur ta’ l-atturi ma qabilx, deherilha li kellha tikkonferma d-digriet kif hawn fuq riportat; pero`, fuq talba verbali tal-konvenuti biex jappellaw mill-istess digriet, akkordat tali talba.

Din il-Qorti ezaminat ir-rikors ta’ appell tal-konvenuti – li allura qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmi digriet “u minflok tordna li l-ewwel Onorabbli Qorti tiehu

konjizzjoni kontestwalment tat-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fl-istess kawza" – u tistqarr li l-argumenti kontorti migjuba f'dan ir-rikors semplicement ma jaghmlux sens. Hu evidenti li l-konvenuti b'dana r-rikors qed jippruvaw jigwadanjaw iz-zmien, u li kieku ma kienx ghall-fatt li, kif ser jinghad, hemm lok ta' kjarifika fir-rigward tad-digriet tal-ewwel Qorti, din il-Qorti ma kienx ikollha ezitazzjoni li tikkundanna lill-konvenuti appellanti ihallsu l-ispejjez ghal darbtejn.

Sfortunatament il-mod infelici kif gie redatt id-digriet jaghti wiehed x'jifhem li l-kawza li jridu jaghmlu l-konvenuti tirrigwarda l-eccezzjonijiet kollha minnhom sollevati. Dan evidentement mhux minnu. Hija biss l-eccezzjoni li l-kuntratt ghandu jigi dikjarat null "minhabba l-qerq (truffa) pratikat mill-istess atturi" li tirrikjedi kawza separata. L-"inadempjenza da parti tal-atturi" tista', fil-kazijiet kongruwi, iggib certi konsegwenzi, pero` mhux li jigi dikjarat null il-kuntratt. Kif tajjeb osservaw l-atturi appellati fir-risposta taghhom, fejn tigi eccepita n-nullita` ta' kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens, din ghandha tigi proposta jew b'azzjoni separata jew permezz ta' kontro-talba.

Ghall-motivi premessi, tipprovdi dwar l-appell billi tikkonferma d-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Novembru, 2004 b'dan li c-citazzjoni li l-konvenuti qed jinghataw zmien biex ikunu jistghu jipproponu tista' tkun limitata ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-kuntratt ta' lokazzjoni "minhabba t-truffa (qerq) pratikat mill-istess atturi", b'dan ukoll li t-ternimu li fih ghanda tigi proposta din l-azzjoni huwa sa mhux aktar tard mis-6 ta' Mejju, 2005.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu rimessi lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex, wara li tiehu konjizzjoni ta' din is-sentenza, tipprocedi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------